# Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat

## (Parti bil-miktub)

## L-Erbgħa 28 ta' Diċembru 2016

## 9.00 *a.m.* sa 12.00 *m.d.*

**(It-tweġibiet għandhom ikunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin mogħti biex twieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B huwa ta' tliet sigħat)**

## Parti A

Wieġeb għal tlieta biss minn dawn li ġejjin:

1. Il-klijent tiegħek kien b'deċiżjoni finali ta' qorti kompetenti nstab ħati ta' reat kriminali. Sussegwentement inkixef fatt ġdid li juri konklużivament illi ma kienx ħati. Ħejji l-att meħtieġ sabiex il-klijent tiegħek jikseb rimedju.

2. Il-klijent tiegħek ġie notifikat b'avviż illi proprjetà immobbli tiegħu hija meħtieġa għal skop pubbliku u sejra tiġi akkwistata mill-gvern. Hu ma jaqbilx illi l-proprjetà hija tassew meħtieġa għal skop pubbliku. Ħejji l-att meħtieġ biex issir kontestazzjoni tal-iskop pubbliku.

3. Il-klijent tiegħek daħal fi ftehim ta' wegħda ta' bejgħ-u-xiri (konvenju) biex jixtri proprjetà immobbli. Issa sar jaf illi, għalkemm il-konvenju għadu fis-seħħ, il-bejjigħ imwiegħed bigħ il-proprjetà lil ibnu (iben il-bejjigħ), b'kuntratt li x'aktarx hu donazzjoni simulata bħala bejgħ, biex jaħrab mill-obbligazzjoni li jbigħ l-istess proprjetà lill-klijent tiegħek. Ħejji l-atti kollha meħtieġa sabiex il-klijent tiegħek jikseb rimedju.

4. Ħejji l-att meħtieġ biex twieġeb għal azzjoni li fiha qiegħed jintalab l-iżgumbrament tal-klijent tiegħek minn fond urban wara li għalaq it-titolu ta' enfitewsi temporanja li kellu fuq il-fond.

5. Saret talba biex tiġi esegwita kontra klijent tiegħek sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell ta' Ruma li ikkundannatu jħallas il-prezz ta' merkanzija li kien xtara mingħand il-kreditur kanonizzat. Ħejji l-att meħtieġ sabiex il-klijent tiegħek jikkontesta t-talba.

6. Il-klijent tiegħek, student tal-liġi, ġie kundannat għal ħames snin priġunerija wara li b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati nstab ħati illi seraq kopja tal-Kodiċi Kriminali. Il-klijent tiegħek jixtieq jappella. Jiċħad li kien hu li seraq il-kodiċi u igħid illi, f'kull każ, raddu lura lil sidu. Ħejji l-att meħtieġ biex isir l-appell.